32004D0392

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/392/CFSP

tad-19 ta' Mejju 2003

li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unoni Ewropea u r-Rumanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Rumanija fil-forzi mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EUF) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Jannar 2003, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/92/*CFSP* ġIl-Politika Komuni Barranija u s-Sigurtà 2003 dwar l-Operazzjoni Militari ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (il-*FYROM*) (Forza Y mir-Rumanija) [1].

(2) L-Artikolu 8 ta' l-Azzjoni Konġunta jipprovdi illi l-arranġamenti ddettaljati li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jridu jkunu bla ħsara għal ftehim skond l-Artikolu 24 tat-Trattat.

(3) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2003 li tawtorizza lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (*SG*/*HR*) li jiftaħ in-negozjati, is-*SR*/*HR* innegozja ftehim mar-Rumanija dwar l-parteċipazzjoni tar-Rumanija fil-Forzi mmexxija mill-Unjoni Ewropea (*EUF*) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(4) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni Ewropea l-Ftehim bejn l-Unoni Ewropea u r-Rumanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Rumanija fil-Forzi mmexxija mill-Unjoni Ewropea (*EUF*) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna bil-poter li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. PAPANDREOU

[1] ĠU L 34, tat-12.2.2003, p. 26.